

31996R0691

L 97/13

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

18.4.1996

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 691/96
tas-16 ta' April 1996
dwar il-klassifika ta' ċerti prodotti fin-nomenklatura magħquda

IL- KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura ta' tariffa u statistika u dwar it-Tariffa Komuni Doganali ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 586/96 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi iktar 'il fuq, huwa meħtieġ li jkunu adottati miżuri dwar il-klassifika ta' l-oġġetti li hemm referenza għalihom fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hi kollha kemm hi jew parzjalment bażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'disposizzjonijiet speċifiċi komunitarji, bil-ħsieb ta' applikazzjoni ta' miżuri ta' tariffa u oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ f'oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-Regolament preżenti għandhom ikunu klassifikati taħt il-kodiċijiet xierqa tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet preskritti fil-kolonna 3;

Billi huwa aċċettat li informazzjoni li torbot dwar tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' Stati Membri dwar il-klassifika ta' oġġetti fin-nomenklatura magħquda u li ma tikkonformax mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, tista' tissokta tkun invokata, taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabb-

bilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ⁽³⁾, għal perjodu ta' tliet xhur mill-possessur;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tas-Sezzjoni tan-Nomenklatura ta' Tariffa u Statistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa kklassifikati fin-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet xierqa tan-NK indikata fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija iktar 'il fuq.

Artikolu 2

Informazzjoni li torbot dwar tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' Stati Membri li ma tikkonformax mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament tista' tissokta tkun invokata taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fi-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' April 1996.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 84, tat-3.4.1996, p. 18.

⁽³⁾ ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

ANNEX

Deskrizzjoni ta' oġġetti	Klassifika (kodiċi tan-NM)	Raġunijiet												
(1)	(2)	(3)												
<p>1. Preparazzjoni, b'bażi ta' sustanzi <i>amylaceous</i>, meħuda bl-eterifikazzjoni tat-tqiq tal-qamħ u b'kontenut ta' lamtu ta' bejn wieħed u ieħor 61 % bil-piż kif determinat bil-metodu fl-Anness II mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 4154/87 (ĠU L 392 tal-31.12.1987, p. 19).</p> <p>Din hija preparazzjoni tax-xorta ġeneralment użata fl-industrija tal-karta.</p>	3809 10 30	<p>Il-klassifika hija ddeterminata bid-disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kkombinata, u bil-kliem tal-kodiċijiet 3809, tan-NM 3809 10 u 3809 10 30.</p> <p>Ara, ukoll, in-Nota Spjegattiva ta' HS mat-titolu 38.09, Part (A) (1), l-ewwel subparagrafu.</p>												
<p>2. Taħlita ta' aċidi <i>carboxylic</i> li fiha bil-piż madwar 79 % ta' a1idu, 20 % ta' aċidi dibaziċi oħra u 1 % ta' aċidi monobaziċi.</p>	3824 90 90	<p>Il-klassifika hija ddeterminata bid-disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u l-kliem (rabta ta' kliem) tal-kodiċijiet tan-NM 3824, 3824 90 u 3824 90 90.</p> <p>Il-prodott huwa kkunsidrat li mhux pur biżżejjed biex ikun ikklassifikat fil-Kapitolu 29.</p>												
<p>3. Taħlita ta' estersi ta' metil ta' l-aċidi mxahhna minn żejt tal-lifi/kolza, bid-distribuzzjoni approssimattiva ta' aċidi mxahhna li ġejja:</p> <table border="1" data-bbox="252 907 558 1137"> <thead> <tr> <th colspan="2" data-bbox="252 907 558 952">% bil-piż</th> </tr> </thead> <tbody> <tr> <td data-bbox="252 952 422 996">C 16:0</td> <td data-bbox="422 952 558 996">4,8</td> </tr> <tr> <td data-bbox="252 996 422 1030">C 18:0</td> <td data-bbox="422 996 558 1030">1,6</td> </tr> <tr> <td data-bbox="252 1030 422 1064">C 18:1</td> <td data-bbox="422 1030 558 1064">60,6</td> </tr> <tr> <td data-bbox="252 1064 422 1097">C 18:2</td> <td data-bbox="422 1064 558 1097">20,9</td> </tr> <tr> <td data-bbox="252 1097 422 1137">C 18:3</td> <td data-bbox="422 1097 558 1137">8,7</td> </tr> </tbody> </table> <p>It-taħlita tintuża, b'mod partikulari, bħala <i>bio-fuel</i>.</p>	% bil-piż		C 16:0	4,8	C 18:0	1,6	C 18:1	60,6	C 18:2	20,9	C 18:3	8,7	3824 90 90	<p>Il-klassifika hija ddeterminata bid-disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, u l-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 3824, 3824 90 u 3824 90 90.</p>
% bil-piż														
C 16:0	4,8													
C 18:0	1,6													
C 18:1	60,6													
C 18:2	20,9													
C 18:3	8,7													